MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 1026/2006

**Christine Bundy**
**(I.D. Card Nru. 717659M)**

**Vs**

**Alhay Faa Company Limited**
**(C-30956)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat mill-attrici permezz ta' liema titlob il-kundanna tas-socjetà konvenuta ghall-hlas lilha tas-somma ta' sitt mija u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm652) [illum ekwivalenti ghal €1,518.75] rapprezentanti depozitu minnha mhallas lis-socjetà konvenuta in konnessjoni ma' bejgh ta' materjal gewwa l-fond Numru 101, Rudolph Street, Sliema, liema materjal ma giex lilha kkonsenjat mis-socjetà konvenuta skond il-kwalità pattwita. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali ta' l-14 ta' Gunju 2006, u bl-imghax legali dekoribbli mit-23 ta' Lulju

2005, cioè mid-data ta' l-imsemmi depozitu, sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-socjetà konvenuta.

Ra r-Risposta u Kontro-Talba tas-socjetà konvenuta permezz ta' liema (i) tichad it-talba ta' l-attrici stante li l-materjal konsenjat kien tal-kwalità pattwita u cioè skond il-kampjun u di più ta' l-istess kwalità ta' mobbli ohra illi l-attrici ghazlet li zzomm; (ii) tikkondenti li l-attrici ma hallsitx ghall-mobbli mertu tal-kontensjoni; u ghalhekk (iii) in via rikonvenzjonali titlob il-kundanna ta' l-attrici ghall-hlas lilha tas-somma ta' seba' mija u erbgha u sittin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm764.70) [illum ekwivalenti ghal €1,781.27] rapprezentanti bilanc dovut ghall-prezz ta' mobbli ohra akkwistati mill-attrici minghand is-socjetà konvenuta flimkien mal-mobbli meritu tal-kontensjoni, bl-ispejjez u bl-imghax dekoribbli mit-23 ta' Lulju 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-attrici.

Rat ir-Risposta ta' l-attrici ghat-talba rikonvenzjonali tas-socjetà konvenuta permezz ta' liema tichad t-talba ghall-hlas tas-somma ta' Lm764.70 stante li l-konsenja tal-merkanzija in kwistjoni ma kenitx tal-kwalità miftehma u in oltre l-istess materjal ma giex maqtugh skond is-sengha u l-arti u ma setax jintuza ghall-iskop intiz. Fl-istess Risposta l-attrici tirrileva li l-merkanzija giet depozitata taht l-Awtorità tal-Qorti permezz ta' Cedola ta' Depozitu bin-Numru 2262/06.

Ra x-xhieda moghtija mill-attrici u minn Doris Vella waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2007, ix-xhieda moghtija mill-Perit Amanda De Giovanni waqt is-seduta tat-13 ta' Gunju 2007, ix-xhieda moghtija minn Dr. Giuseppe Azzopardi waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2008 u x-xhieda moghtija minn Kasseb Ghassan, rapprezentant tas-socjetà konvenuta, waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2008.

Ra id-Digriet tat-8 ta' Mejju 2008 permezz ta' liema gie mahtur il-Perit Alan Saliba bhala Espert Tekniku sabiex jaccedi fil-hanut tas-socjetà konvenuta u jezamina l-funtana u s-*samples* li hemm go l-istess hanut, jipparaguna l-istess mal-materjal attwalment supplit fil-fond ta' l-attrici u jirrelata dwar jekk il-materjal attwalment

konsenjat u supplit lill-attrici jikkorrispondix mal-kwalità tal-materjal, ossia irham, ta' l-imsemmija funtana u in oltre, jiehu konjizzjoni tal-*points* numru 1 sa' 5 kontenuti fir-rapport tal-Perit Amanda De Giovanni a fol. 33 u 34 tal-process u jaghti opinjoni dwarhom.

Ra r-Relazzjoni ta' l-Espert Tekniku l-AIC Alan Saliba u l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti.

Sema' it-trattazzjoni tal-kawza u ra illi fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2009 l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Huwa fatt inkontestat bejn il-partijiet kontendenti li r-relazzjoni guridika ta' bejniethom titwieled minn bejgh u provista ta' materjal mis-socjetà konvenuta lill-attrici.

L-attrici ghamlet zewg ordnijiet minghand is-socjetà konvenuta: l-ewwel ordni kien ghal materjal ghall-art tad-dar taghha f'Nru. 101, Rudolph Street, Sliema, konsistenti f'*hexagon floor designs*, corners u borduri u t-tieni ordni kien ghal materjal ghat-tarag tal-fond taghha konsistenti f'lastri ghat-targiet, fuq u faccata, u *skirting*.

L-ewwel ordni li ghamlet l-attrici giet konsenjata lilha mis-socjetà konvenuta u rrizulta li l-materjal ordnat tqieghed fil-fond ta' l-istess attrici. Il-kwistjoni li hemm bejn il-partijiet kontendenti dwar din l-ordni tittratta dwar il-kwantità ta' materjal attwalment utilizzat mill-attrici, il-valur tal-*hexagon floor designs* u l-VAT fuq ir-rati kwotati mis-socjetà konvenuta[1]. Dina l-kwistjoni però hija iktar rilevanti ghall-finijiet tat-talba rikonvenzjonali tas-socjetà konvenuta li ser tigi trattata iktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

L-azzjoni ta' l-attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta tittratta dwar it-tieni ordni ossia, dwar il-materjal ghat-tarag fornit lill-attrici mis-socjetà konvenuta.

---

[1] Vide xhieda ta' Doris Vella a fol. 23 sa' 25 tal-process u xhieda ta' Kasseb Ghassan a fol. 55 sa' 60 tal-process.

L-attrici istitwiet dawn il-proceduri fil-konfront tas-socjetà konvenuta in bazi ghall-pretenzjoni li l-materjal ghat-tarag mhuwiex tal-kwalità miftehma u ghalhekk tippretendi minghand l-istess socjetà konvenuta hlas lura tad-depozitu minnha mhallas fuq dan il-materjal, ammontanti ghal Lm652, illum ekwivalenti ghal €1,518.75.

Naturalment biex l-azzjoni ta' l-attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta tirnexxi, l-istess attrici tehtieg tipprova b'mod sodisfacenti illi l-materjal ghat-tarag lilha fornit mis-socjetà konvenuta effettivament mhuwiex tal-kwalità miftehma.

Wara li ezamina l-atti processwali dan it-Tribunal huwa tal-fehma li gie sodisfacentement ippruvat illi l-materjali ghat-tarag fornit mis-socjetà konvenuta lill-attrici mhuwiex tal-kwalità pattwita.

Mill-provi jirrizulta li l-attrici riedet tordna, u kienet bl-impressjoni li ordnat, **irham** ghat-tarag tad-dar taghha[2]; tarag tar-ragg li jfisser li hu tarag li gej fit-tond u ghalhekk mhux kull targa jkollha l-istess qies[3]. Madanakollu irrizulta li in verità il-materjal ghat-tarag fornit lill-attrici mis-socjetà konvenuta ma kienx irham izda *limestone*, materjal b'karatteristici ghal kollox differenti minn dawk ta' l-irham u mhux idoneu biex jintuza ghal xoghol fuq gewwa.

Dana l-fatt johrog mix-xhieda ta' Dr. Giuseppe Azzopardi[4], marmologista inkarigat mill-partijiet kontendenti biex janalizza l-materjal in kwistjoni fornit lill-attrici mis-socjetà konvenuta.

Dr. Azzopardi xehed illi mill-analizi li ghamel irrizulta li l-materjal fornit lill-attrici kien *limestone* u li *dan il-materjal mhuwiex adatt ghal xoghol gewwa ghaliex jitlef l-leqqezza tieghu billi huwa nieqes hafna mill-kristallini u idealment dan il-materjal huwa tajjeb biex jintuza barra ghax huwa iktar rezistenti ghall-umdità u ghall-elementi … Bhala materjal dan huwa difficli hafna biex tissiljah. Anki ghar-*

---

2 Xhieda ta' l-attrici a fol. 19 tal-process.
3 Vide xhieda tal-Perit Amanda De Giovanni a fol. 31 tal-process.
4 Fol. 42 sa' 44 tal-process.

*rigward ta' hila tax-xoghol, il-kumment tieghi kien 'there was much to be desired' u dan apparti li kien hemm skaluni li kienu maqsumin digà, il-finishing ma kienx ta' l-altezza*[5].

Mix-xhieda tieghu jirrizulta wkoll li l-*limestone* huwa orhos mill-irham u jidher li l-attrici giet mitluba thallas prezz ta' irham u mhux ta' *limestone*[6]*.*

It-Tribunal ma jsib ebda raguni ghalfejn m'ghandux joqghod fuq l-opinjoni esperta ta' Dr. Giuseppe Azzopardi dwar in-natura u kwalità tal-materjal fornit lill-attrici mis-socjetà konvenuta, partikolarment meta dan il-marmologista tqabbad bi ftehim bejn il-partijiet kontendenti u s-socjetà konvenuta ma ressqet l-ebda prova biex tikkontradici dak minnu konkluz dwar il-kwalità tal-materjal in kwistjoni.

Apparte l-fatt li l-materjal ghat-tarag fornit lill-attrici mhuwiex irham kif minnha mistenni izda *limestone*, mill-atti processwali jirrizultaw fatturi ohra li juru ben car li l-materjal in kwistjoni mhuwiex fi kwalunkwe kaz idoneu ghall-iskop li ghalih inxtara mill-attrici u b'hekk, mhux tal-kwalità pattwita.

Dawn jirrizultaw mix-xhieda u rapport tal-Perit Amanda De Giovanni dwar il-materjal in kwistjoni.

Il-Perit De Giovanni ikkonstatat illi:

- *The supplier has still not supplied the 3 missing slabs;*
- *With the sizes of marble slabs that the supplier made available, there are at least 4 steps, which cannot be fitted. It should be noted that in such stairs joints are aesthetically not allowable since they would be an eyesore. Thus, the marble slabs should be of such size as to have one whole slab per stair;*
- *There are at least 2 slabs which are broken;*

---

5 Fol. 43 tal-process.
6 *Ibid.*

- *The skirting provided for the stairs, is completely wrong. Supplier provided skirting for left hand side but it should have been provided for the right hand side;*
- *Apart from all this, one must comment on the rugged and rough finish of the end of the underside of the slabs, even more so since these have to remain as nosing and would therefore be an eyesore*[7].

In-nuqqasijiet fil-kwalità tal-materjal ghat-tarag fornit mis-socjetà konvenuta lill-attrici riskontrati mill-Perit Amanda De Giovanni gew ikkonfermati mill-Espert Tekniku AIC Alan Saliba fir-rapport tieghu.

Il-Perit Saliba kkonkluda li *dwar il-punti fir-rapport tal-Perit Amanda De Giovanni: 1. Jirrizulta li gew fornuti tlett pedati neqsin; 2. Jirrizulta li tlieta mill-pedati tat-tarag huma akbar mill-lastri fornuti; 3. Zewg lastri tal-pedati u wahda ta' l-iskirting huma maqsuma; 4. Gie polished il-wicc il-hazin ta' l-iskirting u ghalhekk l-iskirting fornut mhux addattat ghat-tarag fil-kwistjoni; 5. Il-qiegh tan-nosing tal-pedati li mhux polished jista' jsir qabel jiqieghedu l-pedati fil-post*[8].

Apparte li kkonferma l-konstatazzjonijiet tal-Perit De Giovanni, l-Perit Saliba irriskontra fattur iehor li juri li l-materjal ghat-tarag fornit lill-attrici ma kienx tal-kwalità pattwita in quanto dak l-istess fattur jirrendi l-materjal in kwistjoni mhux idoneu ghall-iskop li ghalih gie akkwistat.

Il-Perit Saliba ikkonstata li l-materjal in kwistjoni minbarra l-vina naturali li minnha tohrog it-tonalità tal-materjal fih tip ta' vina ohra li hija aktar definita u li tirrizulta fi xpakk tal-materjal. In effetti l-lastra ta' l-*iskriting* li kellu fil-pussess tieghu l-Perit Saliba ghall-fini ta' l-inkarigu moghti lilu, inqasmet minn din it-tip ta' vina hekk kif din zelqet biss minn posizzjoni wieqfa ghal ma' l-art[9].

---

[7] Rapport tal-Perit Amanda De Giovanni fol. 33 u 34 tal-process.
[8] Rapport ta' l-AIC Alan Saliba.
[9] Para. 10 tar-Relazzjoni tal-Perit Alan Saliba u ritratt 06 u ritratt 05 annessi ma' l-istess Relazzjoni.

Dan juri li l-materjal ghat-tarag fornit lill-attrici inqasam mhux ghaliex gratlu xi hsara waqt li kien fil-pussess taghha sakemm giet biex tqieghdu kif pretiz mis-socjetà konvenuta, izda ghaliex il-materjal fih innifsu ma kienx idoneu biex jinqata' f'lastri kbar.

In-nuqqas ta' idonejtà tal-materjal in kwistjoni biex jintuza ghall-pedati tat-tarag johrog car mill-konstatazzjoni tal-Perit Saliba li *kemm il-materjal li jifforma l-funtana (ritratt 05) u kif ukoll il-mozajk ta' l-art (ritratt 01) huwa ferm zghir meta kkomparat mal-lastri tal-pedati tat-tarag fornuti, wiehed ma jistax ikollu stampa cara ta' difetti bhall-vini aktar definiti msemmija, li jidhru f'lastri relattivament kbar billi fil-produzzjoni ta' lastri zghar bhal dawk tas-samples dawn il-vini definiti jistghu facilment jigu skartati li pero ma jkunux jistghu jigu facilment skartati meta jigu maqtugha lastri relattivament kbar ghall-pedati. Tant hu hekk li fix-showrooms li jbieghu l-irham u l-granit wiehed normalment isib esebiti lastri daqs pedata normali ta' tarag u l-granit wiehed normalment isib esebiti lastri daqs pedata normali ta' tarag u mhux samples zghar bhalma gara fil-kaz odjern*[10].

Il-Perit Alan Saliba finalment ikkonkluda li *l-materjal fornut jaqbel fit-tonalità u kulur mas-sample izda ghal dak li jirrigwarda l-vini definiti li jirrizultaw fi xpakkar tal-lastra, billi l-materjal fornut huwa pjuttost kbir meta mqabbel mad-daqs zghir tas-sample, dawn il-vini definiti ma jidhrux fis-sample.*

Kif sewwa rrileva l-Perit Saliba l-ilment ta' l-attrici ma kienx dwar it-tonalità u kulur tal-materjal fornit meta paragunat mas-*sample* muri lilha fil-hanut tas-socjetà konvenuta, izda dwar il-kwalità tal-materjal. B'hekk is-semplici fatt li l-materjal fornit lill-attrici jaqbel fit-tonalità u kulur mas-*sample* muri lilha ma jfissirx li l-pretenzjoni taghha sfat fix-xejn, kif donnha tippretendi s-socjetà konvenuta.

Il-konkluzzjonijiet tal-Perit Saliba jgibu fix-xejn pretenzjoni ohra avanzata mis-socjetà konvenuta kontra t-talba attrici.

---

[10] Para. 11 tar-Relazzjoni tal-Perit Alan Saliba.

In effetti s-socjetà konvenuta tikkontendi li ladarba l-materjal ghall-art u l-materjal ghat-tarag huma l-istess tip ta’ materjal u l-materjal ghall-art gie accettat mill-attrici, ma ghandu jkun hemm ebda raguni valida ghaliex l-istess attrici ma ghandhiex taccetta wkoll il-materjal ghat-tarag.

Izda kif ikkonstatat mill-Perit Saliba, filwaqt li fil-produzzjoni ta’ lastri zghar jew ta’ mozajk il-vini definiti li jirrizultaw fl-ixpakk tal-materjal jistghu facilment jigu skartati l-istess ma jistax isir fil-produzzjoni ta’ lastri kbar bhalma huma l-pedati tat-tarag.

B’hekk fid-dawl ta’ din il-konsiderazzjoni teknika, it-Tribunal ma jistax jaccetta l-pretenzjoni tas-socjetà konvenuta bhala motivazzjoni valida fuq liema jirrespingi bhala ghal kollox infondati il-lanjanzi ta’ l-attrici dwar il-kwalità tal-materjal ghat-tarag.

In bazi ghall-principju guridiku li *l-opinjoni teknika konfermata bil-gurament tal-perit tekniku, bhal kull prova ohra, setghet tigi skartata mill-Qorti. Dan, però mhux leggerment jew kapriccjosament imma biss fejn tirrizulta raguni valida mill-atti. Bhala regola huwa stabbilit anki mill-gurisprudenza illi l-Qorti ma kellhiex twarrab u tiskarta opinjoni tal-perit tekniku minnha nominat ghaliex dik, kif inghad, tikkostitwixxi element ta’ prova importanti jekk mhux determinati li kellu jifforma l-gudizzju tal-gudikant*[11], it-Tribunal jaccetta u jadotta l-konstatazzjonijiet u konsegwenti konkluzzjonijiet ta’ l-Espert Tekniku AIC Alan Saliba bhala prova konklussiva li l-materjal ghat-tarag fornit mis-socjetà konvenuta lill-attrici mhuwiex tal-kwalità miftehma.

Kontra dak pretiz mis-socjetà konvenuta l-konkluzzjonijiet tal-Perit Saliba jaqghu entro l-parametri ta’ l-azzjoni attrici kif impostata fil-konfront taghha ghaliex dawn jiccentraw fuq l-aspett dwar jekk il-materjal ghat-tarag fornit minnha lill-attrici huwiex tal-kwalità pattwita o meno, il-meritu proprju ta’ l-azzjoni in ezami.

---

[11] **Benjamin Camilleri noe v. Charles Debattista noe**, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fid-9 ta’ Frar 2001.

Stabbilit illi l-materjal ghat-tarag fornit mis-socjetà konvenuta lill-attrici mhuwiex tal-kwalità miftehma u stabbilit illi l-istess materjal gie rifjutat mill-attrici billi permezz ta' Cedola ta' Depozitu bin-Numru 2262/06[12] iddepozitatu taht ir-responsabbilità tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), jehtieg issa (a) jigi stabbilit il-*quantum* tar-refuzjoni dovuta mis-socjetà konvenuta lill-attrici a tenur tat-talba principali; u (b) tigi determinata t-talba rikonvenzjonali tas-socjetà konvenuta ghall-kundanna ta' l-attrici ghall-hlas tas-somma ta' (Lm764.70) [illum ekwivalenti ghal €1,781.27].

Kif già iktar 'l fuq rilevat l-attrici ordnat minghand is-socjetà konvenuta: (a) *hexagon floor designs*; (b) *corners*; (c) borduri; u (d) materjal ghat-tarag.

Bejn il-partijiet kontendenti hemm qbil li l-attrici akkwistat erba' *hexagon floor designs* izda, filwaqt li l-attrici tikkontendi li dawn jiswew Lm40.00[13] il-wahda s-socjetà konvenuta tippretendi li dawn jiswew Lm90.00 il-wahda.

Kasseb Ghassan xehed illi *din il-hexagon li semmejt ghadni ngib sallum, qeghdin fil-hanut, huma sixty by sixty u jinbieghu bid-disghin lira-il wahda. Fil-fatt ghandi fil-hanut u hemm il-prezz miktub fuqhom, wiehed jista' jigi jara, tlett snin ilu kienu bl-istess prezz*[14].

Ghalkemm jidher li s-socjetà konvenuta setghet facilment tipproduci provi ohra li jikkoroboraw l-affermazzjoni ta' Ghassan dwar il-valur ta' dawn il-*hexagon floor designs,* dan ghazlet li ma taghmlux u minflok illimitat il-prova taghha ghal din l-affermazzjoni.

Fil-fehma tat-Tribunal is-socjetà konvenuta ma rnexxilhiex tissodisfa l-oneru tal-prova li jinkombi fuqha ghall-fini li tissodisfa t-talba rikonvenzjonali taghha fil-konfront ta' l-attrici u ghalhekk, fic-cirkostanzi u fuq bazi ta' probabbilità

---

[12] Dok. "CB1" a fol. 47 u 48 tal-process.
[13] Vide xhieda ta' Doris Vella minn fol. 23 sa' 25 tal-process u xhieda ta' Kasseb Ghassan minn fol. 55 sa' 60 tal-process.
[14] Fol. 59 tal-process.

huwa iktar inklinat li jemmen il-verzjoni ta’ l-attrici li l-imsemmija *hexagon floor designs* jiswew Lm40.00 il-wahda milli l-verzjoni tas-socjetà konvenuta li l-istess *hexagon floor designs* jiswew Lm90.00 il-wahda.

Is-socjetà konvenuta tikkontendi wkoll li l-attrici akkwistat 34 bicca *Hatt ‘arbli Marble* ghall-valur ta’ Lm12.50 il-bicca. L-attrici tikkonferma li ordnat 34 bicca tawwalija ghax-xogholijiet li kellhom isiru fid-dar taghha ghall-valur ta’ Lm12.50 il-bicca izda, tikkontendi li minn dawn il-bicciet setghet tuza biss numru minnhom ghaliex diversi ohrajn inqasmu.

Fid-dawl tar-rizultanzi teknici dwar il-materjal provdut mis-socjetà konvenuta lill-attrici, partikolarment li bicciet ta’ certa kobor jistghu jixpakkaw minhabba l-vini definiti li fih l-istess materjal, it-Tribunal jemmen illi bhala fatt uhud minn dawn il-bicciet twal ordnati mill-attrici inqasmu u b’hekk ma setghux jigu utilizzati. Madanakollu, it-Tribunal huwa iktar inklinat li jsegwi l-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn Doris Vella, iz-zija ta’ l-attrici, stante li din tirrizulta l-iktar wahda preciza u b’hekk jikkonkludi li bhala fatt minn dawn l-34 bicca tawwalija lilha forniti l-attrici effettivament utilizzat 24 bicca u mhux biss 16 il-bicca kif dikjarat mill-attrici fix-xhieda taghha.

Is-socjetà konvenuta tikkontendi wkoll li r-rati indikati lill-attrici ghall-materjal ordnat ma kienux jinkludu l-VAT u ghalhekk it-taxxa relattiva ghandha tizdied mal-valur totali tal-materjal fornit[15].

In effetti fuq il-fattura mahruga favur l-attrici, ezebita bhala Dok. “A” a fol. 8 tal-process, l-istess socjetà konvenuta ziedet is-somma ta’ Lm299.70 bhala l-VAT fuq il-valur totali tal-materjal fornit lill-attrici, b’dana li l-ammont komplessiv ghall-materjal fornit gie jammonta ghal Lm1,964.70. Wara li jitnaqqas l-ammont ta’ Lm1,200 già imhallas mill-attrici minn dan l-ammont totali, jifdal bilanc ta’ Lm764.70, illum ekwivalenti ghal €1,781.27, li huwa l-

[15] Xhieda Kasseb Ghassan a fol. 58 tal-process.

ammont li s-socjetà konvenuta tippretendi li għadu dovut lilha mill-attrici.

It-Tribunal lanqas ma jaqbel ma' dan ir-ragunament tas-socjetà konvenuta stante li d-disposizzjonijiet ta' l-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud[16], partikolarment l-Artikolu 49 (1) u (2) ta' l-imsemmi Att, jipprovdu li (1) *Meta persuna registrata tindika l-prezz ta' oggetti offerti ghal bejgh bl-imnut, dak il-prezz ghandu jigi indikat b'mod li jkun jinkludi t-taxxa li ghandha tithallas taht dan l-Att, jekk ikun hemm, dwar il-provvista ta' l-oggetti imsemmija;* (2) *Fejn l-ammont ta' taxxa li ghandu jithallas taht dan l-Att ma jkunx identifikat fi hlas ghal provvista taxxabbli jew fi prezz imhallas, hlief ghal f'fattur jew dokument li jservi bhala fattura mahruga minn persuna taxxabbli lil persuna taxxabbli ohra, ghal provvista taxxabbli, dak il-hlas jew prezz ghandu jitqies li jkun jinkludi t-taxxa.*

Minn dawn id-disposizzjonijiet tal-Ligi jirrizulta car li kontra dak pretiz mis-socjetà konvenuta, il-VAT fuq il-materjal ordnat mill-attrici ghandha titqies già inkluza fir-rati indikati lilha mill-istess socjetà konvenuta u mhux terga' tigi kalkolata fuq u mizjuda mal-valur totali tal-materjal fornit.

B'hekk, anke f'dan ir-rigward il-pretenzjoni tas-socjetà konvenuta fil-konfront ta' l-attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Tenut kont ta' dan kollu appena kkunsidrat, it-Tribunal jasal ghall-konkluzzjoni li kif korrettament kalkolat minn Doris Vella fil-prospett Dok. "DV1" a fol. 26 u 27 tal-process, l-ammont dovut mill-attrici lis-socjetà konvenuta ghall-materjal ghall-art lilha fornit u minnha utilizzat huwa ta' Lm548. Fid-dawl tal-fatt li sa issa l-attrici già hallset lis-socjetà konvenuta s-somma ta' Lm1,200 akkont [fatt inkontestat bejn il-partijiet kontendenti] jirrizulta li l-materjal ghall-art fornit lill-attrici mis-socjetà konvenuta jinsab pjenament imhallas u m'huwa dovut ebda bilanc mill-attrici lis-socjetà konvenuta.

[16] Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dak li jirrigwarda l-ammont sa issa imhallas mill-attrici fuq il-materjal ghat-tarag, liema materjal irrizulta mhux tal-kwalità pattwita u gie irrifjutat mill-attrici, it-Tribunal jikkonkludi li, kif korrettament kalkolat minn Doris Vella dan jammonta ghal Lm652, illum ekwivalenti ghal €1,518.75.

B’hekk, huwa dan l-ammont li fic-cirkostanzi ghandu jithallas mis-socjetà konvenuta lill-attrici a tenur tat-talba principali li hija kjarament imsejsa fuq wiehed miz-zewg rimedji disponibbli lill-kompratur taht l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili.

In fine t-Tribunal jirrileva li a tenur ta’ l-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili l-imghax legali fuq is-somma ta’ Lm652 li ghandha tithallas mis-socjetà konvenuta lill-attrici ma jiddekorrix mit-23 ta’ Lulju 2005 kif pretiz mill-attrici izda, minn dakinhar li l-attrici ghamlet fil-konfront tas-socjetà konvenuta sejha ghall-hlas bl’att gudizzjarju.

Mill-atti processwali jirrizulta li din is-sejha ghall-hlas bl’att gudizzjarju ta’ l-attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta saret permezz tal-proceduri odjerni u ghaldaqstant l-imghax legali jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz tat-Talba ossia, mill-20 ta’ Novembru 2006 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi in quanto rigwarda t-talba principali, jichad l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta jilqa’ t-talba ta’ l-attrici u jikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta’ Lm652, illum ekwivalenti ghal €1,518.75, bl-imghax legali dekoribbli mill-20 ta’ Novembru 2006 sad-data ta’ l-effettiv pagament, **u** in quanto rigwarda t-talba rikonvenzjonali jilqa’ l-eccezzjoni ta’ l-attrici u jichad it-talba rikonvenzjonali tas-socjetà konvenuta; bl-ispejjez kemm dawk ta’ l-azzjoni principali kif ukoll ta’ l-azzjoni rikonvenzjonali, kontra s-socjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------